**Laqgha Numru 13/K6/2009 – Laqgha urgenti**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tlettax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit (li wasal fis-6.05pm), il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsilliera li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li kellu jasal ftit tard minhabba li kien xoghol.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-27 ta' Lulju 2009. L-Agenda kienet:

**01. Talba tal-Vici Sindku sabiex issir laqgha urgenti.**

## 01. Talba tal-Vici Sindku sabiex issir laqgha urgenti.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed issir b'urgenza fuq talba tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bl-appogg tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat. **(Ara dokument A)**

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa jiddispjacih li s-Sindku Joe Zammit ma kienx prezenti fejn qal li jhossu li kellu dmir u obbligu li jkun prezenti ghal din il-laqgha. Il-kelliem qal li huwa kien jippretendi li f'haga bhal din ikollu l-appogg tal-Kunsill kollu nkluz tas-Sindku Joe Zammit. Il-kelliem qal li vis-a-vis id-decizjoni tal-Kunsill datata is-26 ta' Marzu 2009 item 6.44 **(Ara dokument B)**, il-mara tieghu li hija ta' Nazzjonalita' Ciniza, qed tissemma ta' spiss fuq il-gazzetti u qal li ma jarax ghalfejn minhabba li huwa fil-politika, ghandha tiddeffes ukoll il-mara tieghu. Il-kelliem qal li hija m'hijiex parti mill-Kunsill u ghalhekk m'ghandix tibqa' tissemma fuq ebda gazzetta.

***1.03. Fis-6.05 pm is-Sindku Joe Zammit skuza ruhu talli wasal tard u nghaqad fil-laqgha.***

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lis-Sindku li kif bdiet il-laqgha kien ghamel dikjarazzjoni li tikkoncerna lilu bhala Sindku.

1.05. Is-Sindku Joe Zammit kompla jippresiedi l-laqgha.

1.06. Wara diskussjoni qasira, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li wara l-laqgha tal-Kunsill li saret riferenza ghaliha jigifieri Minuti 04/K6/2009 fejn kien gie approvat li l-mara tieghu Liu Shu sservi ta' interpretu ghad-delegazzjoni tal-Kunsill, il-kelliem qal li hija kienet infurmatu li hija m'hijiex interessata li tippartecipa f'din l-inizjattiva u ghalhekk ippropona li l-Kunsill m'ghandux jibqa' jaghmel riferenza ghaliha.

1.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.09. Il-laqgha ntemmet fis-6.15 pm.

| Joe Zammit | Alfred Mazzitelli | Kevin Borg |
|---|---|---|
| ***Sindku*** | ***Vici Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |